**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 2 t'Ottubru 2019**

**Talba Nru: 147/19 CZ**

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**vs.**

**Demaris Anne Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-24 ta' Gunju 2019 fejn talbet lit-Tribunal joghgbu jordna u jikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' elf u disgha u disghin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,099.26) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11012163 fuq talba

u a beneficcju tal-intimata u dan kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata 'Dok. X1'.

Illi dan il-kreditu qieghed jigi konfermat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici u dan kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat 'Dok. X2'.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2019.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u disgha u disghin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,099.26) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur